28 ta' Frar, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Gio Maria Galea *versus* Emmanuele Mallia

**Kompetenza — Att ta' Kummerċ — Lokazzjoni d'Opera — Kummerċjant — Alea — Forn — Żgumbrament.**

*Il-kompetenza tal-Qorti hija determinata mill-indoli ta' l-obbligazzjoni in relazzjoni għall-obbligat.*

*Id-domanda ta' żgumbrament hija per regola ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili.*

*Il-furnar li ma jispekulax fuq il-mano d'opera ta' l-impjegati u lanqas fuq il-materjal, u ma jassumix ebda alea, ma jagħmilx atti ta' kummerċ, imma huwa semplici lokatur d'opera.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li l-konvenut ma' ħutu biegħ lill-attur il-post infraskritt, allura eżerċitat u abitat mill-istess konvenut, u illi fl-istess okkażjoni tal-bejgħ sar il-ftehim verbali bejn il-kontendenti li l-istess konvenut kellu jiżgombra l-istess post għaliex l-attur xtrah biex jeżerċitah u jabitah huwa stess; u talab li l-konvenut jiġi kundannat li jiżgombra l-imsemmi post, konsistenti f'forn u abitazzjoni żgħira miegħu, li qiegħed f'Ħal Qormi, numru 27, 28 u 29, St. Rocco Street, f'terminu qasir u perentorju li tiffissa l-Qorti, għaliex qiegħed jokkupah mingħajr titolu, u wkoll inħabba l-imsemmi ftehim; salva kull azzjoni oħra ta' l-attur, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Diċembru 1945, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis*;

Ikkonsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione materiae";

Illi hu paċifiku fil-ġurisprudenza illi l-kompetenza hi determinata mill-indoli ta' l-obligazzjoni kunsidrata in relazzjoni għall-obligat (ara. fost oħrajn. Kummerċ 22 ta' Frar 1859. "Spiteri vs. Fenech"; 13 ta' Lulju 1896 "Scicluna vs. Azzopardi");

Illi l-kontroversja attwali hi nkorporata fl-obligu li l-attur jallega li assuma l-konvenut li jiżgombra mill-post imsemmi fiċ-ċitazzjoni, okkupat mill-konvenut, u li l-konvenut u ħutu biegħ lill-attur;

Illi d-domanda ta' żgumbrament hi per regola ta' kompetenza ta' din il-Qorti (ara sentenza Kummerċ, "Sacco vs. Delicata et.", 15 ta' Novembru 1927);

Illi hu veru li l-fond in kwistjoni jikkomprendi anki l-forn ġestit mill-konvenut. Iżda mix-xhieda tal-konvenut, mhux kontrastata fuq dan l-inċident, jidher ċar illi f'dan il-forn hu mhux qiegħed jeżerċita l-kummerċ, imma qiegħed sempliċement jilloka l-opera tiegħu lil min jirrikjediha. Hu ma hux qiegħed jispekula fuq il-mano d'opera ta' impjegati, għaliex impjegati miegħu ma għandux; hu ma hux qiegħed jispekula fuq il-materjal, għax lanqas jixtri dqiq, imma d-dqiq iġibuhulu dawk stess li jagħġnu għandu. Hu ma jassumi ebda alea, u jitħallas biss bħala lokatur d'opera talli jaħmi u jsajjar il-ħobż bla ma

jippartecipa bl-ebda mod fil-qliegh ta' dawk li nbaghad ibieghu l-hobż akkont taghhom;

Illi ghalhekk fl-indoli ta' l-obligazzjoni, anki kunsidrata in relazzjoni ghall-obligat, ma hemm ebda karattru kummerċjali.

Ghal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza billi tirrespingiha, bl-spejjeż kontra l-konvenut eċċipjent;

*U peress li deċiżjoni affermanti l-kompetenza tal-Qorti ma hix b'liġi appellabili* (art. 779 Kodiċi Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili—Kap. 15 Edizzjoni Riveduta), ghalhekk tordna li din il-kawża tibqa' differita ghat-trattazzjoni fil-meritu ghall-14 ta' Marzu 1946, fid-9 a.m.